MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Numru 303/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Kevin Borg)**

**v**

**Shilo Curmi ta' 27 sena, iben Martin**
**u Anna nee Camilleri, mwieled Pieta'**
**fl-20 ta' Awissu, 1980 u li joqghod**
**gewwa 66, Flat 5, Capuccini Street,**
**Floriana detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 384680 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Shilo Curmi li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer u cioe f'Dicembru, 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi uli gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
(1) Bhala ufficjal ta' operatur postali li agixxa bi ksur tad-dikjarazzjoni bil-gurament liema gurament sar skond id-dispozizzjoni ta'l-artikolu 30 tal-Kapitlu 254 Att Dwar is-Servizzi Postali
(2) Xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentemnet b'kull mod li jkun indahal jew biegh jew mexxihom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghal tali proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li fil-15 ta' Frar, 2008 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-imputat ikkonferma l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien jahseb fuq l-istess.

Fuq ammissjoni ssibu hati wara li rat l-artikolu 75 tal-Kapitlu 254 u l-artikolu 334 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tliet snin wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------